MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 27/2007

**Tafarra Besabe BERHE**

**vs**

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta’ Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti (a) tiddikjara li ż-żamma tiegħu f’ċentru ta’ detenzjoni tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); (b) tiddikjara li dik iż-żamma fil-kundizzjonijiet imfissrin minnu tammonta għall-ksur tad-

drittijiet fundamentali tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni; u (ċ) biex tagħti l-provedimenti, ordnijiet u rimedji kollha li jidhrulha xierqa u neċessarji fil-konfront tiegħu, sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu "fosthom, u mhux limitatament, il-ħelsien immedjat mid-detenzjoni";

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-10 ta' Mejju, 2007, li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi, fl-ewwel lok, qalu li huwa naqas li jdur għar-rimedji ordinarji li seta' jieħu taħt l-artikolu 25A tal-Att tal-XXX dwar l-Immigrazzjoni[1], li jipprovdu sewwasew għal ċirkostanzi bħal dawk li kien jinsab fihom ir-rikorrent. Fil-mertu, l-intimati jgħidu li ladarba r-rikorrent huwa immigrant ipprojbit, huwa qiegħed jinżamm skond il-liġi u l-Istat għandu dritt iżommu b'dak il-mod. B'mod partikolari, jgħidu li ż-żamma tar-rikorrent ma tiksirx l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni għaliex iż-żamma tiegħu tinkwadra ruħha fl-eċċezzjonijiet maħsubin fl-istess imsemmija artikoli, jiġifieri taħt l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li lanqas ma jista' jingħad li seħħ xi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, għaliex it-trattament mogħti lir-rikorrent kien bħal dak mogħti lid-detenuti l-oħrajn, jiġifieri wieħed uman u bir-rispett li jistħoqqlu, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha relattivi għas-sitwazzjoni tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2007, li bih, fost l-oħrajn, ordnat li qabel kull ħaġa oħra kellha titqies l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat id-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża sa dan l-istadju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Mejju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar jekk għandhiex tagħżel li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma’ l-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni li biha r-rikorrent, miżmum f’ċentru ta’ detenzjoni għal immigranti ipprojbiti, qiegħed jgħid li l-kundizzjonijiet li qed jinżamm fihom jiksru l-jedd tiegħu għal ħarsien minn trattament inuman, u għaliex ilu x-xhur jinżamm detenut, bi ksur tal-jedd ieħor fundamentali li jkun imħares minn arrest jew detenzjoni arbitrarji. Irid li jingħata rimedju għal din il-qagħda li jinsab fiha, magħdud il-ħelsien tiegħu minnufih. Ir-rikorrent jgħid li ilu jinżamm fiċ-ċentru ta’ detenzjoni sa minn mindu wasal f’Malta f’Ottubru tal-2006;

Illi l-intimati jiċħdu li r-rikorrent ġarrab xi ksur ta’ xi jedd fundamentali tiegħu, kif jallega, u jżidu jgħidu li kien l-istess rikorrent li ġab b’idejh il-qagħda li jinsab fiha għaliex kellu rimedju li ma nqediex bih. Għalhekk, huma jgħidu li l-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha għaliex ir-rikorrenti jmissu l-ewwel ifittex dak ir-rimedju qabel ma jressaq kawża bħal din;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar din l-ewwel eċċezzjoni;

Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta’ dak li jidher mill-atti *prima facie.* Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa’ tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Madankollu, mhux eskluż li l-Qorti jkollha tisma’ xi provi biex tistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni miġjuba mill-intimat (per eżempju, dwar l-eżistenza ta’ rimedju ordinarju alternativ[2]) hijiex waħda ta’ min

[2] Kost. **21.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Teddy Refalo et vs Avukat Ġenerali***

joqgħod fuqha. F'xi mindaqqiet dan l-eżerċizzju ta' smigħ ta' xi provi huwa rakkomandabbli biex il-Qorti tkun f'qagħda mill-aqwa biex tqis jekk għandhiex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha[3]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;

Illi minħabba li r-rikorrent qiegħed iressaq l-ilment tiegħu kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[4];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[5]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u

[3] Kost. **23.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Vella vs L-Avukat Ġenerali et***
[4] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)
[5] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiċċaħħadx mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[6];

Illi meta jingħad li jkun hemm riemedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[7]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[8];
Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[9]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in*

[6] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[7] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[8] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[9] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

*extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[10];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[11]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[12]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-

[10] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

[11] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[12] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[13];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[14]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[15];

Illi l-Qorti semgħet ix-xhud imressqin mill-partijiet u rat ukoll id-dokumentazzjoni mressqa. Semgħet ix-xhieda taċ-*Chairman* tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immgrazzjoni[16] u tal-uffiċjal tal-Pulizija inkarigata mill-każijiet tal-immigrati[17]. Semgħet ix-xhieda wkoll ta' avukat li jaħdem fl-interess tal-immigranti f'Malta[18]. Minn din ix-xhieda, joħroġ li l-imsemmi Bord jisma' appelli mressqin minn persuni (barranin) li l-awtoritajiet ikunu għarrfuhom li sejrin ineħħuhom minn Malta minħabba xi irregolarita' fil-jedd tagħhom li jibqgħu f'Malta. Il-Bord hu mwaqqaf u jwettaq is-setgħat tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-2004[19], is-setgħat tal-imsemmi Bord twessgħu biex jista' jisma' appelli li jitressqu minn immigranti irregolari wkoll, mhux biss dawk li jkunu applikaw biex jingħataw *status* ta' rifuġjati[20];

---

[13] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[14] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[15] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[16] Xhieda ta' Dr. Ramon Rossignaud 24.5.2007, f'paġġ. 95 sa 103 tal-proċess
[17] Xhieda tal-Ispettur Edel M. Camilleri 24.5.2007, f'paġġ. 111 sa 122 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Dr. Samuel Gauċi 24.5.2007, f'paġġ. 104 sa 110 tal-proċess
[19] Bis-saħħa tal-Art.9 tal-Att VIII tal-2004
[20] Ara art. 25A(9) tal-Kap 217

Illi minn tagħrif miżmum mal-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni fi ħdan il-korp tal-Pulizija[21], jirriżulta li r-rikorrent wasal f'Malta fis-17 ta' Ottubru, 2006. Huwa kien fuq opra tal-baħar (wisq probabbli ma' persuni oħrajn) u minn fuqha salvat mil-lanċa "*Bella III*" madwar ħamsa u sittin mil nawtiku fin-nofsinhar ta' Malta. Huwa jgħid li huwa Eritrew u li għandu erbgħa u għoxrin sena. Jgħid li kellu jaħrab minn art twelidu fl-2005 għaliex kien ippersegwitat minħabba li jħaddan twemmin Kristjan u għax jaqdi l-ministeru ta' predikatur. Minn mindu twassal f'Malta, nżamm fiċ-Ċentru ta' detenzjoni ta' Lyster Barracks f'Ħal Far. Dak inhar li tniżżel f'Malta, ngħata avviż miktub[22] fl-ilsien għarbi biex jgħarrfu li, ladarba kien f'Malta mingħajr ma kellu meżżi biżżejjed biex imantni lilu nnifsu, kien sejjer jitneħħa minn Malta bħala immigrant ipprojbit skond l-artikolu 5(2)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ma ressaq l-ebda appell minn dik id-deċiżjoni, u sallum għadu jinżamm detenut fl-imsemmi Ċentru;

Illi wara li fliet b'reqqa l-atti kollha proċesswali u qieset il-qofol tal-kwestjonijiet imqanqlin mit-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti tasal għall-fehma li hija għandha tuża s-setgħat kostituzzjonali tagħha u ma tagħżilx li tilqa' l-istedina tal-intimati biex tieqaf tisma' l-kawża.

Illi jidher li l-għan ewlieni li fuqu r-rikorrent jibni l-każ tiegħu huwa ż-żamma tiegħu għal tul żejjed ta' żmien f'ċentru ta' detenzjoni f'kundizzjonijiet li jammontaw għal moħqrija jew trattament mhux xieraq għall-bnedmin. Huwa jilmenta li ż-żamma tiegħu hi diġa', llum il-ġurnata, waħda illegali. Għalhekk, huwa jisħaq li ta' xejn jipprova japplika lill-Bord tal-Appell dwar l-Immigranti, għaliex, ikun xi jkun l-eżitu, diġa' ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li għalih dak il-Bord ma għandux is-setgħa li jagħtih rimedju. L-aktar li l-Bord jista' jagħmel hu li jirrakkomanda l-ħelsien tiegħu miċ-Ċentru ta' Detenzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet;

Illi l-Qorti setgħet tara li l-imsemmi Bord, bir-riżorsi limitati li għandu, ma jistax jagħmel aktar minn dak li jista' biex jisma' l-għadd imdaqqas ta' talbiet li jsirulu biex iqis li

[21] Dok "EMC2", f'paġ. 19 tal-proċess
[22] Dok "EMC1", f'paġ. 18 tal-proċess

jirrakkomanda l-ħelsien tal-immigranti li jitolbuh. Ir-rikorrent ressaq xhieda li turi li xi każijiet jieħdu bosta xhur biex jingħataw smigħ[23], għalkemm il-President tal-Bord ressaq prova dokumentali[24] wkoll li turi li talbiet li tressqu fil-bidu ta' Marzu ta' din is-sena ngħatat deċiżjoni favorevoli dwarhom fl-istess xahar;

Illi l-Qorti qieset ukoll is-sottomissjoni tal-intimati li dak tar-rikorrent huwa "*test case*" maħsub mhux biss biex jitfa' dawl fuq il-qagħda tiegħu – li, dejjem skond l-intimati, ġabha b'idejh għaliex ma ħax il-passi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu sa minn mindu tniżżel Malta – iżda biex joħloq każ għal kull min jinsab fl-istess qagħda bħalu. Il-Qorti tqis li sakemm ir-rikorrent iseħħlu juri li għandu l-interess ġuridiku biex iressaq it-talba tiegħu, huwa dan il-kriterju ewlieni li jiddetermina jekk il-kawża għandhiex tinstama' jew tkompli tinstama', imqar jekk mill-eżitu tagħha jista' jkun li hemm nies oħrajn li b'xi mod jiksbu xi vantaġġ jew utilita';

Illi jibqa' dejjem il-fatt li, sallum, ir-rikorrenti qiegħed jinżamm f'qagħda li huwa jgħid li hija kontra l-liġi għax tmur kontra l-jedd tiegħu għall-ħelsien mill-arrest arbitrarju. Din iċ-ċirkostanza hija tajba u serja biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti biex taqtagħha li l-każ jistħoqqlu jiġi trattat fi proċedura bħal din u mhux li twarrab milli tismagħha. Taqbel ukoll mas-sottomissjoni tar-rikorrent u tqis li r-rimedju li jsemmu l-intimati ma jistax jagħti, fl-aħjar ipoteżi għalih, rimedju sħiħ, xieraq u ċert li l-liġi tistenna f'każijiet fejn il-liberta' tal-bniedem tkun, imqar għal żmien limitat, miċħuda[25];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati** u tiddikjara li hija tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha u tisma' l-kawża billi ma ssibx li r-rikorrent għandu jew kellu disponibbli għalih

---

[23] Dok "SG1", f'paġġ. 25-6 tal-proċess
[24] Dokti "RR1" sa "RR3" f'paġġ. 20-3 tal-proċess
[25] QEDB **9.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kadem vs Malta*** (Applik. Nru. 55263/00), par 53

rimedju ieħor xieraq għall-ksur ta’ jeddijiet li huwa jgħid li qiegħed iġarrab, bl-ispejjeż kontra l-intimati; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi u trattazzjoni fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------